**Emenda 23**
**Iuliu Winkler**
f'isem il-Grupp EPP

**Rapport** **A7-0243/2010**
**Vital Moreira**
Miżuri kummerċjali ta' eċċezzjoni għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fi, jew li huma marbutin mal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea
COM(2010)0054 – C7-0042/2010 – 2010/0036(COD)

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 2 a (ġdid)**
Regolament KE Nru 1215/2009
Artikolu 2 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(2a) Fl-Artikolu 2(2), it-tieni subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:*** |
| | **"F'każ ta' nuqqas ta' konformità [...] fir-rigward *tal-paragrafi 1 jew 2, il-benefiċċji ta' dan ir-Regolament għal pajjiżi u territorji jistgħu jiġu sospiżi, totalment jew parzjalment, bi qbil mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 8(2)."*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

Din l-emenda toħloq konformità bejn dan ir-Regolament u l-proċeduri fir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni. Barra minn hekk, il-bidla l-oħra fl-emenda tirreferi għar-reviżjoni ta' "pajjiżi u territorji" li tirrifletti l-kliem tar-Regolament oriġinali u tfittex ukoll li tevita diskussjoni dwar l-istatus tal-Kosovo f'dan ir-Regolament.


Magħquda fid-diversità

9.5.2011 A7-0243/24

**Emenda 24**
**Iuliu Winkler**
f'isem il-Grupp EPP

**Rapport** **A7-0243/2010**
**Vital Moreira**
Miżuri kummerċjali ta' eċċezzjoni għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fi, jew li huma marbutin mal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea
COM(2010)0054 – C7-0042/2010 – 2010/0036(COD)

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 4 a (ġdid)**
Regolament KE Nru 1215/2009
Artikolu 3 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(4a) Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:*** |
| | **"4. Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħrajn ta' dan ir-Regolament, u b'mod partikolari l-Artikolu 10, fid-dawl tas-sensittività partikolari tas-swieq agrikoli u tas-sajd, meta l-importazzjonijiet ta' prodotti agrikoli u tas-sajd jikkawżaw tfixkil serju lis-swieq *tal-Unjoni* u lill-mekkaniżmi regolatorji tagħhom, *il-Kummissjoni tista' tadotta l-miżuri xierqa skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 8(2).*"** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni

**Emenda 25**
**Iuliu Winkler**
f'isem il-Grupp EPP

**Rapport** **A7-0243/2010**
**Vital Moreira**
Miżuri kummerċjali ta' eċċezzjoni għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fi, jew li huma marbutin mal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea
COM(2010)0054 – C7-0042/2010 – 2010/0036(COD)

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 5 d (ġdid)**
Regolament KE Nru 1215/2009
Artikolu 8

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(5d) L-Artikolu 8 qed jiġi emendat kif ġej:*** |
| | ***"Artikolu 8*** |
| | ***Kumitat*** |
| | **1.** ***Għall-iskopijiet tal-Artikoli 2 u 10,*** **il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat** ***ta' Implimentazzjoni tal-Balkani tal-Punent. Dan il-Kumitat għandu jkun Kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** |
| | **2. Meta jsir riferiment għal dan il-paragrafu, għandu japplika** ***l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** |
| | ***3. Il-Paragrafi 1 u 2 ma jipperikolaw bl-ebda mod it-twettiq min-naħa tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-poter stabbilit fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011."*** |

Or. en

*Justification*

*on Regulation of the European Parliament and the Council laying down the rules and general*


*Magħquda fid-diversità*

*principles concerning mechanism for control by the Member States of the Commission's exercise of implementing powers (182/2011/EU)*

**Emenda 26**
**Iuliu Winkler**
f'isem il-Grupp EPP

**Rapport** **A7-0243/2010**
**Vital Moreira**
Miżuri kummerċjali ta' eċċezzjoni għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fi, jew li huma marbutin mal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea
COM(2010)0054 – C7-0042/2010 – 2010/0036(COD)

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 5 e (ġdid)**
Regolament KE Nru 1215/2009
Artikolu 10 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5e) L-Artikolu 10 qed jiġi emendat kif ġej:*** |
| | ***(a) fil-paragrafu 1:*** |
| | ***(i) il-punt (a) jinbidel b' dan li ġej:*** |
| | **"(a) informa lill-Kumitat *ta' Implimentazzjoni għall-Balkani tal-Punent*;"** |
| | ***(ii) jiżdied is-subparagrafu li ġej:*** |
| | ***"Il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 8(2)."*** |
| | ***(b) il-paragrafu 2 jitħassar;*** |
| | ***(c) il-paragrafu 3 jinbidel b' dan li ġej:*** |
| | **"3. Fi tmiem il-perjodu ta' sospensjoni, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jew li ttemm il-miżura proviżorja ta' sospensjoni [...] jew li testendi l-miura ta' sospensjoni skont l-ewwel paragrafu."** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-emendi għall-paragrafi 1, 2 u 3 huma konformi mal-Att Kummerċjali Omnibus I tal-Kummissjoni. It-tħassir tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 10 fir-Regolament oriġinali, kif propost hawnhekk, jimplika li l-Istati Membri mhux se jibqgħu jkunu jistgħu jirreferu deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar is-sospensjoni lill-Kunsill. Barra minn hekk, ir-reviżjoni tal-paragrafu 2 timplika li mhux se jkun hemm bżonn speċifiku li jiġi kkonsultat il-Kumitat (kif inhu l-każ illum) meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li ttemm il-miżuri proviżorji ta' sospensjoni.*